L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 6 ta' Settembru, 2002

**Riperkussjonijiet**

Tghid il-kwistjoni ta' l-Imhallfin Maltin se jkollha wkoll ir-riperkussjonijiet taghha fir-relazzjonijeit taghna ma' l-Unjoni Ewropea? Bla dubju ta' xejn din il-kwistjoni, ghalkemm ma nistghux nghidu li m'hemm l-ebda konkluzjonijiet dwarha u bhal f'kull kaz iehor ta' dan it-tip, kulhadd irid jimxi b'kawtela kbira qabel jikkundanna, mhix xi wahda li wiehed jista' jinsieha qisu qatt ma gara xejn.

L-oghla istituzzjonijiet ta' dan il-pajjiz wahda wahda qeghdin joffru skandli kbar. Il-Gvern innifsu sarulu diversi akkuzi kontrih permezz tal-ministri tieghu.

Stejjer ta' tixhim 'l hawn u tixhim 'l hemm. L-amministrazzjoni u kapijiet tad-dipartimenti tal-Gvern u dawk fil-bordijiet u postijiet ta' decizjonijiet ukoll issemmew kemm-il darba fejn tidhol korruzzjoni, tixhim, nepotizmu u l-*bella* kumpanija.

Il-Korp tal-Pulizija wkoll ghadda minn zminijiet ta' taqlib li donnhom issa qeghdin jintesew bil-ftit il-ftit mal-moghdija taz-zmien. L-irwiefen kienu dehru li se jikkalmaw, imma mid-dehra kull ma kienu qeghdin jaghmlu kien, li qeghdin jikkulminaw! Issa ntmesset l-istituzzjoni tal-Qorti!

L-ewwel mistoqsija li tigina f'rasna hija "Mel'issa x'ghad baqa'?" U jkollhom ragun ukoll dawk li jghidu "Qed tara hux?" Il-poplu ilu zminijiet twal jallega li min ghandu l-flus jaghmel kollox, sahansitra jinheles mill-habs!

Iz-zghir kemm-il darba sostna li kollox isir skond il-qaddisin. Jekk ghandek qaddis, kollox jigik ahjar f'hajtek, minn banda jew minn ohra! Jekk m'ghandekx qaddisin, lesti ruhek! F'dan l-istadju l-istituzzjonijiet m'humiex hlief qeghdin jippruvaw u jikkonfermaw dak li kulhadd kien jibza' li jezisti ghalkemm kulhadd kellu suspett kbir li jista' jezisti.

Imma kulhadd kien komdu psikologikament billi jitkellem bla ebda provi. Issa, sfortunatament, il-provi, iktar kemm jghaddi z-zmien, iktar qeghidn jitilghu fil-wicc.

L-Unjoni wkol se tevalwa dak li gara f'pajjizna. Il-Qrati tal-Gustizzja u l-kbarat ta' go fihom jirrapprezentaw wiehed minn tliet pilastri li fuqhom hija msejsa s-sistema ta' ligi ta' pajjizna – ir-"*rule of law*".

Din is-sistema li hija l-bazi tas-socjetà Maltija, tifred tliet poteri minn xulxin – il-Gvern u l-Parlament (l-enità politika li tillegisla); l-amministrattiv (l-istruttura li tamministra u timplimenta l-ligijiet legislati mill-Gvern u l-Parlament) u fl-ahhar, il-Qrati tal-Gustizzja (l-istruttura li tinterpreta l-istess ligijiet, u li ghandha l-jedd tikkastiga lil dawk li ma jimxux maghhom permezz tal-ligi kriminali). Dawn it-tlieta ghandhom ikunu indipendenti minn xulxin.

Li jidher li gara dan l-ahhar f'pajjizna kien illi l-ahhar pilastru tar-"*rule of law*" wkoll gie mittiefes mill-korruzzjoni. Probabbilment, ghalkemm, il-Qrati tal-Guztizzja qatt ma kienu liberati mill-kritika tal-poplu, kienu jgawdu l-aqwa fiducja minghand il-poplu.

Jista' jkun li n-nepotizmu u l-favorizmu f'Ministri u Membri Parlamentari kif ukoll f'dipartiment kont tmisshom b'idejk. Imma l-imhallfin, kif digà ghedt, qatt ma kienu fil-mira diretta daqshekk – qatt ma gawdew daqshekk nuqqas ta' fiducja.

U lanqas hawnhekk m'jien qed nghajjar jew nikkundanna 'l hadd, ghax wara kollox, jekk m'ghandniex nikkundannaw individwi akkuzati b'reati kriminali qabel ma jkollna l-provi f'idejna, daqshekk iehor m'ghandniex nakkuzaw individwi li okkupaw karigi importanti minghajr provi.

Imma, 'il-qasba ma ccaqcaqx ghalxejn' u, biex skandli bhal dawn johorgu fid-deher, sinjal li l-kwistjoni tkun tahraq!

Kieku l-ebda Prim Ministru m'huwa se jiftah halqu, u l-ebda distruzzjoni tad-dehra pubblika ta' wahda mill-aktar istituzzjonijiet gholja fil-pajjiz m'hija se ssehh.

U l-Unjoni se tahseb li ahna bhal girienna? Ninxtraw u nigu korrotti. Mentalità Mediterranja fejn iktar jirrenja l-kaos milli l-ordni. Zgur li dak li gara se jkollu riperkussjonijiet fuq l-impressjoni li l-Unjoni Ewropea ghandha ta' pajjizna.

Niftakru li l-korruzzjoni u l-frodi m'humiex kuncetti godda ghall-Unjoni Ewropea. Il-*Whistleblowers*, wiehed minnhom Van Buitenen innifsu, li gieghel Kummissjoni shiha tirrizenja fuq akkuza ta' frodi, sa dan l-ahhar ippressa ferm biex iressaq lill-Qorti ta' l-Awdituri Ewropej taht akkuza ta' frodi u nepotizmu.

Ipprepara rapport twil fejn individwalizza l-persuni li jiffurmaw parti minn din il-Qorti u individwalizza wkoll il-favuri li qeghdin jaghmlu u ma' min qeghdin jaghmluhom.

U ghal dawk il-Maltin, li huma ghomja ghall-ahhar dwar is-sitwazzjoni Ewropea, qeghdin jahsbu li l-Unjoni Europea se jisparixxu fenomeni bhal ma huma korruzzjoni, nepotizmu, favoritizmu u "hbieb tal-hbieb", ghandhom ikunu jafu li iktar milli jisparixxu dawn il-fenomeni probabbilment l-effetti jkunu differenti; jikbru l-favuri u jithaxxnu iktar l-istess bwiet ta' l-istess cirku ta' nies u l-korruzzjoni dejjem iktar tinheba ghax ikollha iktar paraventi, u l-"hbieb tal-hbieb" dejjem jaghmlu aktar hbieb bejniethom a skapitu ta' min mhux "hbieb".

Fi kliem iehor, min hu fuq il-ligi, jibqa' fuqha u dawk ta' tahtha jibqghu tahta!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*